



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-410/14

Dr. Falk Pharma GmbH
vs
DAK-Gesundheit

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Direttiva 2004/18/KE — Artikolu 1(2)(a) — Kunċett ta’ “kuntratt pubbliku” — Sistema ta’ akkwist ta’ oġġetti li tikkonsisti fl-ammissjoni, bħala fornitur, ta’ kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel — Provvista ta’ prodotti mediċinali li jiġu rrimborsati fil-kuntest ta’ sistema ġenerali ta’ sigurtà soċjali — Ftehimiet konklużi bejn fond ta’ assigurazzjoni għall-mard u l-fornituri kollha ta’ prodotti mediċinali bbażati fuq ingredjent attiv partikolari li jaċċettaw li jagħtu roġs fuq il-prezz tal-bejgħ, b’rata ddeterminata minn qabel — Leġiżlazzjoni li tipprevedi, bħala prinċipju, is-sostituzzjoni ta’ prodott mediċinali li jiġi rrimborsat ikkummerċjalizzat minn operatur li ma kkonkludix tali ftehim bi prodott mediċinali tal-istess tip ikkummerċjalizzat minn operatur li kkonkluda tali ftehim”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-2 ta’ Ġunju 2016

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Proċeduri għall-ġħoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi — Direttiva 2004/18 — Kuntratt pubbliku — Kunċett — Sistema ta’ akkwist ta’ oġġetti li tikkonsisti fl-ammissjoni, bħala fornitur, ta’ kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel — Esklużjoni*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18, Artikolu 1(2)(a))

2. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Kuntratti pubbliċi — Ġħoti ta’ kuntratti mhux suġġetti jew suġġetti parzjalment għad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi — Obbligu tal-awtorità kontraenti li tosserva r-regoli u l-prinċipji tat-trattat — Obbligu ta’ trasparenza — Obbligu li tiġi żgurata pubbliċità adegwata — Portata*

(Artikoli 18 TFUE, 49 TFUE, 53 TFUE u 56 TFUE)

1. L-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18, fuq koordinazzjoni ta’ proċeduri għall-ġħoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], għandu jiġi interpretat fis-sens li ma tikkostitwixx kuntratt pubbliku fis-sens ta’ din id-direttiva, sistema ta’ ftehimiet, li permezz tagħha entità pubblika jkollha l-intenzjoni takkwista oġġetti fis-suq billi tikkonkludi kuntratti, matul iż-żmien kollu ta’ validità ta’ din is-sistema, ma’ kull operatur ekonomiku li jimpenja ruħu li jipprovidi l-oġġetti kkonċernati b’kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel, mingħajr ma tagħmel għażla bejn l-operaturi interessati u billi tippermetti lil dawn illi jaderixxu ruħhom mal-imsemmija sistema matul iż-żmien kollu ta’ validità tagħha.

Fil-fatt, meta entità pubblika tipprova tikkonkludi kuntratti ta' provvista mal-operaturi ekonomiċi kollha li jkunu jixtiequ jipprovdu l-prodotti kkonċernati bil-kundizzjonijiet indikati minn din l-entità, l-assenza ta' ħatra ta' operatur ekonomiku li tingħatalu l-esklużività ta' kuntratt għandha l-konsegwenza li ma tkunx teżisti l-ħtieġa li l-azzjoni ta' din l-awtorità kontraenti tiġi rregolata permezz ta' regoli preċiżi tad-Direttiva 2004/18 b'mod li jxekkilha milli tagħti kuntratt billi tiffavorixxi lill-operaturi nazzjonali. L-għażla ta' offerta, u għaldaqstant ta' offerent magħżul, għalhekk tidher bħala li hija element intrinsikament marbut mar-regolamentar tal-kuntratti pubbliċi permezz ta' din id-direttiva u, konsegwentement, mal-kunċett ta' kuntratt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tagħha.

(ara l-punti 37, 38, 42, dispożittiv 1)

2. Sa fejn is-suġġett ta' proċedura ta' ammissjoni għal sistema ta' ftehimiet, li permezz tagħha entità pubblika jkollha l-intenzjoni takkwista oġġetti fis-suq billi tikkonkludi kuntratti, matul iż-żmien kollu ta' validità ta' din is-sistema, ma' kull operatur ekonomiku li jimpenja ruħu li jipprovdi l-oġġetti kkonċernati b'kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel, ikollu interess transkonfinali ċert, din għandha tiġi maħluqa u organizzata b'konformità mar-regoli fundamentali tat-Trattat FUE, b'mod partikolari mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament bejn operaturi ekonomiċi kif ukoll mal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom.

F'dan ir-rigward, minkejja li f'tali sitwazzjoni l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni għall-finijiet tal-adozzjoni ta' miżuri intenzi li jiggarrantixxu l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-obbligu ta' trasparenza, dan tal-aħħar jimplika pubbliċità li tippermetti lil operaturi ekonomiċi potenzjalment interessati sabiex debitament isiru jafu bl-iżvolġiment u bil-karatteristiċi essenzjali ta' tali proċedura ta' ammissjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk din il-proċedura ta' ammissjoni tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

(ara l-punti 44-47, dispożittiv 2)